DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-egħluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2004

(2006/821/KE)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kotba annwali taċ-Centru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 12a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0094/2006),

1. Jinnota l-figuri li ġejjin għall-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kont tad-dħul u ta' l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul		
Sussidji komunitarji	13 700	14 500
Dħul minn snin finanzjarji preċedenti	0	0
Dħul mixxellanju	42	3
Dħul assenjat (PHARE u pajjiżi terzi)	724	792
Dħul finanzjarju	0	0
Dħul totali (a)	**14 466**	**15 295**

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 29.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 60.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2051/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

(ĦEUR 1 000)

	2004	2003
Nfiq tal-baġit għas-sena finanzjarja		
Persunal – Titolu I tal-baġit		
Pagamenti	8 579	7 554
Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti	466	443
Amministrazzjoni – Titolu II tal-baġit		
Pagamenti	768	778
Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti	542	358
Attivitajiet ta' l-operat – Titolu III tal-baġit (ħlief għad-dħul assenjat)		
Pagamenti	2 508	2 381
Pagamenti fuq RAL (li baqa' sabiex jitħallas) fil-31.12.2003	2 702	
Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti	0	3 138
Dħul assenjat (PHARE u pajjiżi terzi)		
Pagamenti	416	546
Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti	309	246
Nfiq totali (b)	**16 290**	**15 444**
Eżitu għas-sena finanzjarja (a - b)	**- 1 824**	**- 149**
Bilanċ mis-sena finanzjarja precedenti	- 993	- 545
Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti u kanċellati	56	399
Newtralizzazzjoni tat-trasferiment N-1 tat-Titolu 3 marbuta mal-bdil għal approprijazzjonijiet differenzjati	3 138	
Somom għal użu ulterjuri mis-sena finanzjarja ta' qabel mhux użati	1	10
Rimbors lill-Kummissjoni		- 716
Differenzi tar-rata tal-kambju	- 4	8
Bilanċ għas-sena finanzjarja	**374**	**- 993**

2. Japprova l-għeluq tal-kotba taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jippubblikaha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY